San Ġiljan	Korrezzjoni ta' LRA 1324/2001. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt, LRA 1200/2022, korrezzjoni tal-pjanta rilevanti;	Gvern ta' Malta		LRA1200/22
San Ġiljan	*Correction of LRA 1324/2001. I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office LRA 1200/2022, correction of the relevant plan;*			
San Ġiljan	Korrezzjoni ta' LRA 1317/2001. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt, LRA 1222/2022, korrezzjoni tal-pjanta rilevanti;	Gvern ta' Malta		LRA1222/22
San Ġiljan	*Correction of LRA 1317/2001. I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office LRA 1222/2022, correction of the relevant plan;*			
San Ġiljan	Id-Dirett Dominju Temporanju tal-fond nru. 3 fi Triq Sant'Anġlu;	Gvern ta' Malta		LRA1294/22
San Ġiljan	*The Temporary Direct Dominium of tenement no. 3 in Triq Sant'Anġlu;*			
San Pawl il-Baħar	Biċċa mill-art 'Ta' Rdum Rxew' tal-kejl ta' 337.67 m.k., fix-Xemxija;	Jonathan Attard	282086M	LRA966/22
San Pawl il-Baħar	*Portion from the land 'Ta' Rdum Rxew' covering an area of 337.67 s.m., in Xemxija;*			
San Pawl il-Baħar	Id-Dirett Dominju Temporanju tal-garaxx nru. 2 fi Blk 'Beehive' fi Triq l-Alka;	Gvern ta' Malta		LRA1093/22
San Pawl il-Baħar	*The Temporary Direct Dominium of garage no. 2 in Blk 'Beehive' in Triq l-Alka;*			
San Pawl il-Baħar	Aprt. nru. 21 fi Blk C, 'Q6 Residence' fi Triq il-Majjiera, u l-garaxx nru. 29 fi Triq il-Bekkun, Il-Qawra;	Sirach Borg	426289M	LRA1214/22
San Pawl il-Baħar	*Aprt. no. 21 in Blk C, 'Q6 Residence' in Triq il-Majjiera, and garage no. 29 in Triq il-Bekkun, Qawra;*			
San Pawl il-Baħar	Id-Dirett Dominju Temporanju tal-aprt. nru. 2 u nru. 3, 'Spiteri Court', fi Triq il-Knisja;	Gvern ta' Malta		LRA1267/22

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
San Pawl il-Baħar	*The Temporary Direct Dominium of aprt. no. 2 and no. 3, 'Spiteri Court', in Triq il-Knisja;*			
San Pawl il-Baħar	Id-Dirett Dominju Temporanju tal-aprt. nru. 5, 'Spiteri Court', fi Triq il-Knisja;	Gvern ta' Malta		LRA1272/22
San Pawl il-Baħar	*The Temporary Direct Dominium of aprt. no. 5, 'Spiteri Court', in Triq il-Knisja;*			
San Pawl il-Baħar	Korrezzjoni ta' LRA 4726/2021 u LRA 6160/2021. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt, LRA 1295/2022, korrezzjoni tad-deskrizzjoni;	Arċidjoċesi ta' Malta		LRA1295/22
San Pawl il-Baħar	*Correction of LRA 4726/2021 and LRA6160/2021. I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office LRA 1295/2022, correction of the description;*			
San Pawl il-Baħar	Id-Dirett Dominju Temporanju tal-flat nru. 7 fi Blk B, 'Beehive', nru. 68, fi Triq l-Alka;	Gvern ta' Malta		LRA1308/22
San Pawl il-Baħar	*The Temporary Direct Dominium of flat no. 7 in Blk B, 'Beehive', no. 68, in Triq l-Alka;*			
San Pawl il-Baħar	Korrezzjoni tat-Titlu nru. 55001970. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Awtorità tal-Artijiet LRA 1327/2022, korrezzjoni tal-pjanta rilevanti;	PE Properties Ltd.	C13842	LRA1327/22
San Pawl il-Baħar	*Correction of Title no. 55001970. I am hereby giving notice that I have received from the Lands Authority LRA 1327/2022, correction of the relevant plan;*			
San Pawl il-Baħar	½ sehem indiviż ta' dar bil-garaxx, kamra fil-kantina u ġnien 'Footscray House' fi Triq ir-Rumani, Burmarrad;	Mary Louise Galea Jennifer Agius	427184M 554282M	LRA1384/22
San Pawl il-Baħar	*½ undivided share of a house with garage, room in basement and garden 'Footscray House' in Triq ir-Rumani, Burmarrad;*			
Santa Venera	Garaxx industrijali 'Carfi Garage' fi Triq l-Industrija;	Tristan Debono	2468852M	LRA1061/22
Santa Venera	*Industrial garage 'Carfi Garage' in Triq l-Industrija;*			
Is-Siġġiewi	Korrezzjoni ta' LRA 2124/2017. B'dan qed navża li rċevejt mingħand Michaela Fleri-Soler LRA 1197/2022, korrezzjoni tal-pjanta rilevanti;	Clarissa Formosa Gauci Ann Cole	863650M 079753M	LRA1197/22

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Siġġiewi	*Correction of LRA 2124/2017. I am hereby giving notice that I have received from Michaela Fleri-Soler LRA 1197/2022, correction of the relevant plan;*			
Is-Siġġiewi	Korrezzjoni ta' LRA 2126/2017. B'dan qed navża li rċevejt mingħand Michaela Fleri-Soler LRA 1198/2022, korrezzjoni tal-pjanta rilevanti;	Clarissa Formosa Gauci Ann Cole	863650M 079753M	LRA1198/22
Siġġiewi	*Correction of LRA 2126/2017. I am hereby giving notice that I have received from Michaela Fleri-Soler LRA 1198/2022, correction of the relevant plan;*			
Is-Siġġiewi	Korrezzjoni ta' LRA 2125/2017. B'dan qed navża li rċevejt mingħand Michaela Fleri-Soler LRA 1199/2022, korrezzjoni tal-pjanta rilevanti;	Clarissa Formosa Gauci Ann Cole	863650M 079753M	LRA1199/22
Siġġiewi	*Correction of LRA 2125/2017. I am hereby giving notice that I have received from Michaela Fleri-Soler LRA 1199/2022, correction of the relevant plan;*			
Is-Siġġiewi	1/3 sehem indiviż tal-għalqa inkluża l-arja u s-sottoswol, tal-kejl ta' 17611 m.k. fil-kontrada Tal-Ħandaq;	Silvana D'Alfonso	222573M	LRA1442/22
Siġġiewi	*1/3 undivided share of the field including airspace and subterrain, covering an area of 17611 s.m. in the vicinity of Tal-Ħandaq;*			
Tas-Sliema	Korrezzjoni ta' LRA 2224/2006 u LRA 1187/2008. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt, LRA 1105/2022, korrezzjoni tad-deskrizzjoni;	Gvern ta' Malta		LRA1105/22
Tas-Sliema	*Correction of LRA 2224/2006 and LRA 1187/2008. I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office LRA 1105/2022, correction of the description;*			
Tas-Sliema	Penthouse nru. 120, 'Residence One', 'Townsquare Seafront', 'Qui-Si-Sana Place', u l-garaxx nru. 37 fil-Kumpless tal-Garaxxijiet;	Adrian Buttigieg Fiona Buttigieg	145472M 282977M	LRA1110/22
Tas-Sliema	*Penthouse no. 120, 'Residence One', 'Townsquare Seafront', 'Qui-Si-Sana Place', and garage no. 37 in the Garage Complex;*			

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Tas-Sliema	Korrezzjoni ta' LRA 2680/2009. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt, LRA 1255/2022, korrezzjoni tal-pjanta rilevanti;	Arċidjoċesi ta' Malta		LRA1255/22
Tas-Sliema	*Correction of LRA 2680/2009. I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office LRA 1255/2022, correction of the relevant plan;*			
Tas-Sliema	Korrezzjoni ta' LRA 914/2014. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt, LRA 1477/2022, korrezzjoni tal-pjanta rilevanti;	Gvern ta' Malta		LRA1477/22
Tas-Sliema	*Correction of LRA 914/2014. I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office LRA 1477/2022, correction of the relevant plan;*			
Tas-Sliema	Id-Dirett Dominju Temporanju ta' Blk bin-nri 3 and 4, 'Maygar Flats', minbarra flat nru. 2, fi Triq Għar Lembi;	Gvern ta' Malta		LRA1569/22
Tas-Sliema	*The Temporary Direct Dominium f Blk nos 3 and 4, 'Maygar Flats', excluding flat no. 2, in Triq Għar Lembi;*			
Is-Swieqi	Id-Dirett Dominju Temporanju tal-plot nru. 41 fi Triq il-Ħemel;	Gvern ta' Malta		LRA1094/22
Swieqi	*The Temporary Direct Dominium of plot no. 41 in Triq il-Ħemel;*			
Is-Swieqi	Id-Dirett Dominju Temporanju tal-fond 'Daimaru' fi Triq il-Qasam;	Gvern ta' Malta		LRA1292/22
Swieqi	*The Temporary Direct Dominium of tenement 'Daimaru' in Triq il-Qasam;*			
Is-Swieqi	Id-Dirett Dominju Temporanju tal-plots bin-nri 91 u 92 mill-art 'Ta' Żerafa' tal-kejl ta' 633 m.k., fi Triq is-Swieqi;	Gvern ta' Malta		LRA1300/22
Swieqi	*The Temporary Direct Dominium of plot nos. 91 and 92 from the land 'Ta' Żerafa' covering an area of 633 s.m., in Triq is-Swieqi;*			
Is-Swieqi	Id-Dirett Dominju Temporanju ta' biċċa mill-art 'Ta' Żerafa' tal-kejl ta' 2000 m.k., fi Triq is-Sirk;	Gvern ta' Malta		LRA1304/22
Swieqi	*The Temporary Direct Dominium from the land 'Ta' Żerafa' covering an area of 2000 s.m., in Triq is-Sirk;*			
Ħal Tarxien	Porzjonijiet diviżi mill-art 'Tal-Ponta' tal-kejl ta' 280.13 m.k., 35.90 m.k. u 11.60 m.k. u arja ta' 43.63 m.k. fi Triq Xmun;	Carmel Camilleri Theresa Camilleri	588361M 167168M	LRA1570/22

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Ħal Tarxien	*Portions from the land 'Tal-Ponta' covering an area of 280.13 s.m., 35.90 s.m. and 11.60 s.m. and airspace of 43.63 s.m. in Triq Xmun;*			
Il-Belt Valletta	Fond nru. 58 bl-arja tiegħu fi Triq Santa Luċija;	CG Ventures Ltd.	C78879	LRA1207/22
Valletta	*Tenement no. 58 with own airspace in Triq Santa Luċija;*			
Il-Belt Valletta	Fond nru. 66 in parti sovraposta u sottopost għal proprjetà ta' terzi fi Triq San Patrizju;	Charles Abela Rose Abela	080364M 214472M	LRA1218/22
Valletta	*Tenement no. 66 in part overlying and underlying third party property in Triq San Patrizju;*			
Il-Belt Valletta	Korrezzjoni ta' LRA 1318/2001. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt, LRA 1220/2022, korrezzjoni tal-pjanta rilevanti;	Gvern ta' Malta		LRA1220/22
Valletta	*Correction of LRA 1318/2001. I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office LRA 1220/2022, correction of the relevant plan;*			
Il-Belt Valletta	Korrezzjoni ta' LRA 1322/2001. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt, LRA 1221/2022, korrezzjoni tal-pjanta rilevanti;	Gvern ta' Malta		LRA1221/22
Valletta	*Correction of LRA 1322/2001. I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office LRA 1221/2022, correction of the relevant plan;*			
Il-Belt Valletta	Korrezzjoni ta' LRA 1321/2001. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt, LRA 1225/2022, korrezzjoni tal-pjanta rilevanti;	Gvern ta' Malta		LRA1225/22
Valletta	*Correction of LRA 1321/2001. I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office LRA 1225/2022, correction of the relevant plan;*			
Wied il-Għajn	Garaxxijiet bin-nri. 14 u 19, sottoposti għal proprjetà ta' terzi fi Triq il-Granmastri;	Kane Aquilina Karolina Dreliszak Aquilina	157578M 227919L	LRA928/22
Wied il-Għajn	*Garages nos. 14 and 19, underlying third party property in Triq il-Granmastri;*			
Wied il-Għajn	Bar u ristorant 'Corner View' fi Triq ix-Xatt u l-garaxx nru. 102 sottopost għal proprjetà ta' terzi, fi Triq Sant'Anna;	NGD Ltd.	C 97859	LRA1033/22

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Wied il-Għajn	*Bar and restaurant 'Corner View' in Triq ix-Xatt and garage no. 102 underlying third party property, in Triq Sant'Anna;*			
Wied il-Għajn	Villa nru. 6, 'Morning Glory', bil-garaxx, bl-arja tagħha f'Dawret it-Torri;	Ruth Scicluna	230374M	LRA1044/22
Wied il-Għajn	*Villa no. 6, 'Morning Glory', including garage, with own airspace in Dawret it-Torri;*			
Wied il-Għajn	Garaxx nru. 4 fi 'driveway' privata fi Triq il-Gross;	Ramon Tabone Leanne Tabone	231085M 284289M	LRA1050/22
Wied il-Għajn	*Garage no. 4 in a private driveway in Triq il-Gross;*			
Wied il-Għajn	1/15 sehem indiviż mill-għalqa 'Tal-Ħrejba' tal-kejl ta' 1723.62 m.k. u 1/15 sehem indiviż ieħor tal-kejl ta' 1686.15 m.k. fil-kontrada tar-'Ramla ta' San Tumas';	Emanuel Pulis	66746M	LRA1055/22
Wied il-Għajn	*1/15 undivided share from the field 'Tal-Ħrejba' covering an area of 1723.62 s.m. and another 1/15 undivided share covering an area of 1686.15 s.m. in the vicinity of 'Ramla ta' San Tumas';*			
Wied il-Għajn	1/15 sehem indiviż mill-għalqa 'Tal-Ħrejba' tal-kejl ta' 1723.62 m.k. u 1/15 sehem indiviż ieħor tal-kejl ta' 1686.15 m.k. fil-kontrada tar-'Ramla ta' San Tumas';	Simon Pulis Alexander Farrugia	253370M 013068M	LRA1056/22
Wied il-Għajn	*1/15 undivided share from the field 'Tal-Ħrejba' covering an area of 1723.62 s.m. and another 1/15 undivided share covering an area of 1686.15 s.m. in the vicinity of 'Ramla ta' San Tumas';*			
Wied il-Għajn	Għalqa 'Tal-Ħrejba' tal-kejl ta' 1723.62 m.k. u għalqa oħra tal-kejl ta' 1686.15 m.k. fil-kontrada tar-'Ramla ta' San Tumas';	Kasem Kasem Josette Kasem	049863A 133077M	LRA1058/22
Wied il-Għajn	*Field 'Tal-Ħrejba' covering an area of 1723.62 s.m. and another field covering an area of 1686.15 s.m. in the vicinity of 'Ramla ta' San Tumas';*			
Wied il-Għajn	Maisonette nru. 124, 'Carville', inkluża l-pixxina u l-garaxx nru. 128, fi Triq il-Katakombi;	Angelico Spiteri Carmen Spiteri	0623160M 0060563M	LRA1085/22
Wied il-Għajn	*Maisonette no. 124, 'Carville', including the pool and garage no. 128, in Triq il-Katakombi;*			

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Wied il-Għajn	Garaxx L1, sottopost għal proprjetà ta' terzi, fi Triq il-Qaliet;	Heyden John Stellini Anika Stellini Vella	076679M 425581M	LRA1096/22
Wied il-Għajn	*Garage L1, underlying third party property, in Triq il-Qaliet;*			
Wied il-Għajn	2 porzjonijiet diviżi ta' art fabbrikabbli tal-kejl ta' 340 m.k. fi Triq Apap Bologna;	Lea Properties Ltd.	C23258	LRA1097/22
Wied il-Għajn	*2 divided portions of manufacturable land covering an area of 340 s.m. in Triq Apap Bologna;*			
Wied il-Għajn	Arja soprapost aprt. nru. 4, 'South Cliff Court', Ent. B, fi Triq il-Ħortan;	Marley Vella	241693M	LRA1130/22
Wied il-Għajn	*Airspace overlying aprt. no. 4, 'South Cliff Court', Ent. B, in Triq il-Ħortan;*			
Wied il-Għajn	Fond nru. 9 bl-arja tiegħu fi Sqaq San Ġwakkin;	Michael Tung Yung	495818L	LRA1134/22
Wied il-Għajn	*Tenement no. 9 with own airspace in Sqaq San Ġwakkin;*			
Wied il-Għajn	Plot nru. 39, 'Ta' Żonqor', tal-kejl ta' 184 m.k., fi Triq Artillieri;	Malcolm Borg	334478M	LRA1145/22
Wied il-Għajn	*Plot no. 39, 'Ta' Żonqor', covering an area of 184 s.m., in Triq Artillieri;*			
Wied il-Għajn	Garaxx nru. 4 f'kumpless ta' garaxxijiet fi Triq il-Munxar, Il-Bajja ta' San Tumas;	S.A.L.P.A Ltd.	C 27996	LRA1157/22
Wied il-Għajn	*Garage no. 4 in a garage complex in Triq il-Munxar, Il-Bajja ta' San Tumas;*			
Wied il-Għajn	Garaxx nru. 1 fi Triq il-Qrempuċ;	Ranier Galea	056386M	LRA1180/22
Wied il-Għajn	*Garage no. 1 in Triq il-Qrempuċ;*			
Wied il-Għajn	1/7 sehem indiviz tal-għalqa 'Tal-Bur' tal-kejl ta' 813 m.k, fi Triq id-Daħla ta' San Tumas;	Robert Cassar Sharon Falzon	265472M 356774M	LRA1219/22
Wied il-Għajn	*1/7 undivided share of field 'Tal-Bur' covering an area of 813 s.m., in Triq id-Daħla ta' San Tumas;*			
Wied il-Għajn	Aprt. nru. 1 fi Blk nru. 246, 'Edmar', fi Triq il-Qaliet;	Bo Beukers	243887A	LRA1235/22
Wied il-Għajn	*Aprt. no. 1 in Blk no. 246, 'Edmar', in Triq il-Qaliet;*			
Wied il-Għajn	1/10 sehem indiviż tal-garaxx nru. 2 fi Triq il-Kavallieri ta' Malta;	Concetta Caruana Alison Caruana	0433961M 0390481M	LRA1248/22
Wied il-Għajn	*1/10 undivided share of garage no. 2 in Triq il-Kavallieri ta' Malta;*			
Wied il-Għajn	Garaxx nru. 2 fi Triq il-Kavallieri ta' Malta;	Federica Caruana Joseph Caruana	0085869M 0230657M	LRA1249/22
Wied il-Għajn	*Garage no. 2 in Triq il-Kavallieri ta' Malta;*			

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Wied il-Għajn	Id-Dirett Dominju Temporanju tal-plot nru. 44 tal-kejl ta' 147 m.k., fi Triq l-Ikħal;	Gvern ta' Malta		LRA1254/22
Wied il-Għajn	*The Temporary Direct Dominium of plot no. 44 covering an area of 147 s.m., in Triq l-Ikħal;*			
Wied il-Għajn	Flat nru. 3, fi Blk nru. 3, Ent. B, fi Triq il-Għassies;	Charlie Dimech	362268M	LRA1297/22
Wied il-Għajn	*Flat no. 3, in Blk no. 3, Ent. B, in Triq il-Għassies;*			
Wied il-Għajn	Id-Dirett Dominju Perpetwu tal-fond nru. 8 fi Triq il-Blajjiet;	Mark Sargent	102660M	LRA1301/22
Wied il-Għajn	*The Perpetual Direct Dominium of tenement no. 8 in Triq il-Blajjiet;*			
Wied il-Għajn	Garaxx 'J' 'Grant Block' sottopost għall-bini ta' terzi fi Triq il-Maħsel fil-Bajja ta' San Tumas;	Paul Gauci Rita Gauci	111761M 112063M	LRA1314/22
Wied il-Għajn	*Garage 'J' 'Grant Block' underlying third party property in Triq il-Maħsel in St Thomas Bay;*			
Wied il-Għajn	½ sehem indiviż tal-arja tal-kejl ta' 110 m.k. soprapost proprjetà ta' terzi fi Triq Salvu Buhagiar;	Sonia Waiczies Chetcuti	413471M	LRA1368/22
Wied il-Għajn	*½ undivided share of airspace covering an area of 110 s.m. overlying third party property in Triq Salvu Buhagiar;*			
Wied il-Għajn	Garaxx nru. 8 f'kumpless fi 'drive-in' nru. 38 fi Triq il-Vjola;	James Farrugia Roberta Farrugia	009677M 353678M	LRA1375/22
Wied il-Għajn	*Garage no. 8 in a complex in 'drive-in' no. 38 in Triq il-Vjola;*			
Wied il-Għajn	Maisonette nru. 107, 'Dolce Vita', sovrapost għal bini ta' terzi, fi Triq il-Gidwet;	Dante Grech Carmen Grech	152548M 604252M	LRA1412/22
Wied il-Għajn	*Maisonette no. 107, 'Dolce Vita', overlying third party property, in Triq il-Gidwet;*			
Wied il-Għajn	Flat nru. 6, fi Blk 30, 'Sunrise Flats', fi Triq is-Silla;	Vincent Cassar Josephine Cassar	030570M 427773M	LRA1421/22
Wied il-Għajn	*Flat no. 6, in Blk 30, 'Sunrise Flats', in Triq is-Silla;*			
Wied il-Għajn	Flat nru. 4, fi Blk 30, 'Sunrise Flats', fi Triq is-Silla;	Ciprian-Sorin Vasile AndreeaVasile	239382A 258303A	LRA1423/22
Wied il-Għajn	*Flat no. 4, in Blk 30, 'Sunrise Flats', in Triq is-Silla;*			
Wied il-Għajn	Maisonette nru. 258, 'Ġojjin', u l-garaxx nru. 260, sottoposti għal bini ta' terzi, fi Triq il-Qaliet;	Andrew Saliba	195288M	LRA1439/22

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Wied il-Għajn	*Maisonette no. 258, 'Ġojjin', and garage no. 260, underlying third party property, in Triq il-Qaliet;*			
Wied il-Għajn	Id-Dirett Dominju Perpetwu tal-plots bin-nri. 38 u 49 tal-kejl ta' 1850 m.k. fi Triq il-Lampuka;	Gvern ta' Malta		LRA1452/22
Wied il-Għajn	*The Perpetual Direct Dominium of plot nos. 38 and 49 covering an area of 1850 s.m. in Triq il-Lampuka;*			
Wied il-Għajn	Aprt. nru. 6, 'Crystal Court', fi Blk B, u l-garaxx nru. 7, fi Triq il-Ġemmugħa;	Marco Micali Donatella Matrullo	178403A 180651A	LRA1515/22
Wied il-Għajn	*Aprt. no. 6, 'Crystal Court', in Blk B, and garage no. 7, in Triq il-Ġemmugħa;*			
Wied il-Għajn	½ sehem indiviż tal-Flat nru. 2, 'First Dawn Court', Blk B, fi Triq il-Qaliet;	Veselin Petrov Balev Veselina Veselinova Baleva	Income Tax No. 891423422 Income Tax No. 891410531	LRA1521/22
Wied il-Għajn	*½ undivide share of Flat no. 2, 'First Dawn Court', Blk B, in Triq il-Qaliet;*			
Wied il-Għajn	Villa nru. 390, 'Juanita', inkluż il-garaxx, fi Triq is-Salini;	Joseph Agius Alison Agius	0057272M 0396675M	LRA1529/22
Wied il-Għajn	*Villa no. 390, 'Juanita', including garage, in Triq is-Salini;*			
Wied il-Għajn	Aprt. nru. 1, 'Bellevue Court', fi Triq Salvu Buhagiar;	Luana Bugeja	0325886M	LRA1553/22
Wied il-Għajn	*Aprt. no. 1, 'Bellevue Court', in Triq Salvu Buhagiar;*			
Wied il-Għajn	Aprt. nru. 10, 'Bellevue Court', fi Triq Salvu Buhagiar, u garaxx nru. 14 fi Triq il-Qrempuċ;	Antoinette Cefai	345489M	LRA1555/22
Wied il-Għajn	*Aprt. no. 10, 'Bellevue Court', in Triq Salvu Buhagiar, and garage no. 14 in Triq il-Qrempuċ;*			
Wied il-Għajn	Maisonette nru. 97, 'Wardet ix-Xemx', u garaxx nru. 5 fi Triq in-Nadur;	Steve Michael Muscat Angelica Abela	44396M 236598M	LRA1572/22
Wied il-Għajn	*Maisonette no. 97, 'Wardet ix-Xemx', and garage no. 5, in Triq in-Nadur;*			
Iż-Żejtun	Korrezzjoni tat-Titlu nru. 10000782 u LRA 1044/2008. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Awtorità tal-Artijiet LRA 971/2022, korrezzjoni tal-pjanta rilevanti;	Gvern ta' Malta		LRA971/22
Żejtun	*Correction of Title no. 10000782 and LRA 1044/2008. I am hereby giving notice that I have received from the Lands Authority LRA 971/2022, correction of the relevant plan;*			

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Iż-Żejtun	Porzjon art tal-kejl ta' 141 m.k. fi Triq il-Kammumilla;	Gvern ta' Malta		LRA1424/22
Żejtun	*Portion of land covering an area of 141 s.m. in Triq il-Kammumilla;*			
Iż-Żurrieq	Biċċa art tal-kejl ta' 353 m.k. fi triq pubblika;	Gvern ta' Malta		LRA1128/22
Żurrieq	P*ortion of land covering an area of 353 s.m. in a public road;*			
Iż-Żurrieq	Sit fuq art 'Tal-Ħniena' tal-kejl ta' 30 m.k. fi Triq il-Madonna tal-Ħniena;	Emanuel Sciberras Catherine Sciberras	0692050M 0214954M	LRA1376/22
Żurrieq	*Site on the land 'Tal-Ħniena' covering an area of 30 s.m. in Triq il-Madonna tal-Ħniena;*			
Iż-Żurrieq	Parti diviża mill-għalqa 'Ta' Garmun' tal-kejl ta' 6948 m.k. fil-kuntrada 'Tal-Ħlantun';	Donald Mifsud	207781M	LRA1567/22
Żurrieq	*Divided part from the field 'Ta' Garmun' covering an area of 6948 s.m. in the vicinity of 'Tal-Ħlantun';*			

L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti ppreżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-sajf).

Dr Claude Sapiano, LLD
Reġistratur tal-Artijiet

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (summer hours).

Dr Claude Sapiano, LLD
Land Registrar

It-3 ta' Ġunju, 2022

3rd June, 2022

Nru. 655

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

No. 655

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
3.6.2022	€55.002	€0.649

It-3 ta' Ġunju, 2022

3rd June, 2022

Nru. 656

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA

Skema ta' Appoġġ għal Proġetti ta' Riċerka u Innovazzjoni fl-oqsma tal-Enerġija u l-Ilma

SABIEX tiġi implimentata l-Istrateġija Nazzjonali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Enerġija u l-Ilma (2021-2030), li ġiet imnedija uffiċjalment fis-17 ta' Ġunju 2020, l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża din l-Iskema li bis-saħħa tagħha se tingħata għajnuna għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni (R&I) fl-oqsma tal-enerġija u tal-ilma, skond dak li qed tiffoka fuqu is-Sejħa għall-Proposti tal-2022.

Applikazzjonijiet għal din l-iskema jintlaqgħu mis-6 ta' Ġunju 2022 sat-2 ta' Settembru, 2022. Applikazzjonijiet imdaħħla wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

SKEMA

1. Interpretazzjoni

"Applikant" tfisser kull konsorzju li hu magħmul minn żewġ (2) jew iktar msieħba mill-kategorija li tinsab fis-sezzjoni 2.1 tar-Regoli tal-Parteċipazzjoni. L-Imsiebah Ewlieni huwa mistenni japplika għal fondi ta' l-iskema f'isem l-imsieħba kollha.

"Applikant li ma Rnexxiex" tfisser Applikant li l-applikazzjoni tiegħu naqset milli tgħaddi minn stadju tal-proċess tal-applikazzjoni, u li għalekk il-Proġett tiegħu mhuwiex eliġibbli biex jirċievi appoġġ taħt din l-Iskema.

"Applikant li Rnexxa" tfisser Applikant li l-applikazzjoni tiegħu għaddiet miż-żewġ stadji tal-proċess ta' applikazzjoni u b'hekk il-Proġett tiegħu jista' jirċievi appoġġ taħt din l-Iskema. Jekk issirx offerta ta' appoġġ jiddependi fuq il-klassifikazzjoni li jikseb l-Applikant li rnexxa u d-disponibbiltà ta' fondi taħt din l-Iskema.

"Awtorità Responsabbli" tirreferi għall-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma, iżda xi kompiti li skont il-Grant Agreement huma obbligi tal-Awtorità Responsabbli jistgħu jiġu mgħoddija lil partijiet terzi li jirrappreżentaw lill-Awtorità Responsabbli hekk kif ikkuntrattati, maħtura jew delegati mill-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma.

"Benefiċjarju tal-Proġett" (il-Benefiċjarju) tfisser Applikant li Rnexxa, li aċċetta l-offerta ta' appoġġ għal Proġett taħt is-Sejħa għall-Proposti tal-2022 u ffirma l-Grant Agreement. Dan bil-fors irid ikun Konsorzju.

No. 656

THE MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, ENERGY AND ENTERPRISE

Support Scheme for Research and Innovation Projects in the Fields of Energy and Water

IN ORDER to implement the National Strategy for Research and Innovation in Energy and Water (2021-2030), officially launched on 17th June, 2020, the Energy and Water Agency within the Ministry for the Environment,Energy and the Enterprise has developed this Scheme by virtue of which financial assistance will be provided for research and innovation (R&I) projects in the field of energy and water, in line with the focus of the 2022 Call for Proposals priority areas.

Applications to this scheme will be received between the 6th of June 2022 and the 2nd of September 2022. Late submissions will not be considered.

SCHEME

1. Interpretation

"Applicant" means a consortium which shall be made up of two or more Partners and which includes Partners from at least two (2) of the categories listed in Section 2.1 of the Rules for Participation. The Lead Partner shall consequently apply for funding under this support scheme on behalf of all the Partners.

"Unsuccessful Applicant" means an Applicant whose application failed to pass one stage of the application process and whose Project is thus not eligible to receive support under this Scheme.

"Successful Applicant" means an Applicant whose application has passed both stages of the application process and thus whose Project may receive support under this Scheme. An offer of support shall be contingent on the Successful Applicant's ranking and the availability of funds under this Scheme.

"Managing Authority" shall be the Energy and Water Agency, provided that some tasks which fall to the Managing Authority under the Grant Agreement may be conducted by third parties representing the Managing Authority, as contracted, appointed or delegated by the Energy and Water Agency.

"Project Beneficiary" (the Beneficiary) means a successful Applicant who accepted the offer of support for a Project under the 2022 Call for Proposals and has signed the Grant Agreement. This must constitute of a Consortium.

"Grant Agreement" tfisser il-ftehim bejn l-Awtorità Responsabbli u l-Benefiċjarju tal-Proġett li jistabbilixxi t-termini, kundizzjonijiet u limitazzjonijiet applikabbli għal Għotja.

"Imsieħeb ewlieni" tfisser dak l-Imsieħeb tal-Konsorzju identifikat bħala l-imsieħeb responsabbli biex jiżgura l-eżekuzzjoni korretta ta' proġett li jingħata appoġġ taħt din is-Sejħa għall-Proposti tal-2022 li se jkollu responsabbiltajiet in solidum flimkien ma' l-imsieħba l-oħra tal-Proġett għall-obbligi kollha li joħorġu mill-Grant Agreement.

"Intensità tal-għajnuna" tfisser l-ammont tal-għajnuna gross espress bħala perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli, qabel kull tnaqqis ta' taxxa jew imposti oħra. L-għajnuna pagabbli f'għadd ta' pagamenti għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata l-għotja. Ir-rata tal-interessi li għandha tintuża għal finijiet ta' skont tkun ir-rata ta' skont applikabbli fil-mument li tingħata l-għotja. L-intensità tal-għajnuna tiġi kkalkulata għal kull benefiċjarju.

"Kollaborazzjoni effettiva" tfisser kollaborazzjoni bejn mill-inqas żewġ partijiet indipendenti għall-iskambju ta' għarfien jew teknoloġija, jew biex jintlaħaq għan komuni bbażat fuq id-diviżjoni tax-xogħol fejn il-partijiet konġuntament jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett kollaborattiv, jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tiegħu u jaqsmu r-riskji, kif ukoll ir-riżultati tiegħu. Riċerka li ssir taħt kuntratt u il-provisjoni ta' servizzi ta' riċerka mhumiex meqjusa forom ta' kollaborazzjoni.

"Konsorzju" tfisser grupp ta' żewġ entitajiet jew aktar li flimkien jipproponu proġett u jissottomettu applikazzjoni għall-finanzjament. Konsorzju għandu jkun magħmul mill-Imsieħeb magħżulmill-imsieħba bħala l-Imsieħeb Ewlieni, u mill-inqas Imsieħeb wieħed ieħor.

"Kundizzjonijiet ta' distakkament" tfisser li l-kundizzjonijiet tat-tranżazzjoni bejn il-partijiet kontraenti ma jvarjawx minn dawk li jiġu stipulati bejn intrapriżi indipendenti, u ma jkunx fihom element ta' kollużjoni. Kull tranżazzjoni li tirriżulta minn proċedura miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja hija kkunsidrata li tilħaq il-prinċipju ta' distakkament.

"Organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien" tfisser entità (bħal universitajiet jew istituti ta' riċerka, aġenziji tat-trasferiment tat-teknoloġija, intermedjarji ta' innovazzjoni, entitajiet kollaborattivi fiżiċi u/jew virtwali orjentati lejn ir-riċerka), ikun xi jkun l-istat legali tagħha (organizzata skont il-liġi pubblika jew privata) jew il-mod ta' finanzjament, li l-iskop ewlieni tagħha jkun li twettaq riċerka fundamentali, riċerka industrijali jew żvilupp sperimentali jew li xxerred b'mod wiesa' r-riżultati ta' attivitajiet bħal dawn permezz tat-tagħlim, il-pubblikazzjoni jew it-trasferiment tal-għarfien. Meta din l-entità tiżvolġi wkoll attivitajiet ekonomiċi, il-

"Grant agreement" means an agreement between the Managing Authority and the Project Beneficiary that sets forth the terms, conditions and limitations applicable to a Grant.

"Lead partner" means the Consortium Partner identified as being the partner responsible to ensure the correct execution of project awarded support under this 2022 Call for Proposals who will have joint and several liabilities together with other Project Partners for all the obligations arising from the Grant Agreement.

"Aid intensity" means the gross aid amount expressed as a percentage of the eligible costs, before any deduction of tax or other charge. Aid payable in several instalments will be discounted to its value at the date of award. The interest rate to be used for this purpose is the discount rate applicable at the date of award. The aid intensity is calculated per beneficiary.

"Effective collaboration" means collaboration between at least two independent parties to exchange knowledge or technology, or to achieve a common objective based on the division of labour where the parties jointly define the scope of the collaborative project, contribute to its implementation, and share its risks, as well as its results. Contract research and provision of research services are not considered forms of collaboration.

"Consortium" means a group of two or more entities who jointly propose a project and submit an application for funding. A Consortium is made up of a designated Lead Partner and at least one Project Partner.

"Arm's length conditions" means conditions of the transaction between the contracting parties contain no element of collusion and do not differ from those which would be stipulated between independent enterprises. Any transaction that results from an open, transparent and non-discriminatory procedure is considered as meeting the arm's length principle.

"Research and knowledge-dissemination organisation" means an entity (such as universities or research institutes, technology transfer agencies, innovation intermediaries, research-oriented physical or virtual collaborative entities), irrespective of its legal status (organised under public or private law) or way of financing, whose primary goal is to independently conduct fundamental research, industrial research or experimental development or to widely disseminate the results of such activities by way of teaching, publication or knowledge transfer. Where such entity also pursues economic activities, the financing, the costs and the

finanzjament, l-ispejjeż u d-dħul ta' dawn l-attivitajiet ekonomiċi jridu jitqiesu b'mod separat. L-intrapriżi li jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq entità bħal din, pereżempju fil-kapacità tagħhom bħala azzjonisti jew membri, jaf ma jgawdu l-ebda aċċess preferenzjali għar-riżultati ġġenerati minnha.

revenues of those economic activities must be accounted for separately. Undertakings that can exert a decisive influence upon such an entity, for example in the quality of shareholders or members, may not enjoy a preferential access to the results generated by it.

"Perjodu tal-proġett" tfisser il-perjodu ta'eżekuzzjoni tal-proġett, li huwa definit bħala il-perijodu bejn id-data tal-bidu tal-proġett u d-data tat-tmiem tal-proġett, hekk kif stipulat fil-Grant Agreement.

"Project period" means the execution period of the project, which shall be the period between the Project Start Date and Project End Date as indicated in the Grant Agreement.

"Proġett" tfisser dawk l-attivitajiet maħsuba biex jitwettaq kompitu indiviżibbli ta' natura ekonomika, xjentifika jew teknika preċiża b'għanijiet li jkuni definiti b'mod ċar minn qabel hekk kif deskritti fl-Applikazzjoni. Meta żewġ proġetti jew aktar ma jistgħux jiġu mifruda b'mod ċar minn xulxin u b'mod partikolari meta mil-lat teknoloġiku m'għandhomx probabbiltajiet indipendenti ta' suċċess, dawn jiġu kkunsidrati bħala proġett wieħed.

"Project" means those activities intended to accomplish an indivisible task of a precise economic, scientific or technical nature with clearly pre-defined goals as described in the application. When two or more projects are not clearly separable from each other and in particular when they do not have independent probabilities of technological success, they are considered as a single project.

"Regoli għall-Parteċipazzjoni" tfisser ir-Regoli għall-Parteċipazzjoni marbuta ma' din is-Sejħa għall-Proposti għall-Proġetti ta' R&I tal-2022 fl-oqsma tal-Enerġija u tal-Ilma (Verżjoni Mejju 2022), kif ippubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità Responsabbli, li għandhom ikunu r-regoli applikabbli għal din is-Sejħa u li flimkien mal-provedimenti tal-Grant Agreement, għandhom jirregolaw ir-relazzjoni bejn Awtorità Responsabbli u l-Benefiċjarji. L-Applikanti taħt din is-Sejħa ser ikunu meħtieġa jiffirmaw dikjarazzjoni li jaqblu li jkunu marbutin b'dawn ir-regoli bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni. Kopja tista' tintalab billi tintbagħat email lil (rni-energywateragency@gov.mt). B'mod alternattiv, id-dokument ser ikun disponibbli fuq is-sit tal-Awtorità Responsabbli fuq: (https://www.energywateragency.gov.mt/schemes/).

"Rules for Participation" mean the Rules for Participation applicable to this 2022 Call for Proposals for Research and Innovation Projects in the fields of Energy and Water (Version May 2022), as published on the Managing Authority's website, which shall be the applicable rules governing the call and, which, together with the provisions of a Grant Agreement, shall regulate the relationship between the Managing Authority and Beneficiaries. Applicants under this call shall be required to sign a declaration agreeing to be bound by these rules as part of the application process. A copy may be requested by sending an email to (rni-energywateragency@gov.mt). Alternatively, the document shall be available on the website of the Managing Authority at: (https://www.energywateragency.gov.mt/schemes/).

"Riċerka industrijali" tfisser ir-riċerka ppjanata jew l-investigazzjoni kritika mmirata lejn il-kisba ta' għarfien u ħiliet ġodda għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi jew servizzi ġodda jew biex iseħħ titjib sinifikanti fi prodotti, proċessi jew servizzi eżistenti. Tinkludi l-ħolqien ta' partijiet ta' komponenti ta' sistemi kumplessi, u tista' tinkludi l-kostruzzjoni ta' prototipi f'ambjent ta' laboratorju jew f'ambjent b'interfaċċji simulati għal sistemi eżistenti kif ukoll ta' linji pilota, meta jkun meħtieġ għar-riċerka industrijali u notevolment għall-validazzjoni tat-teknoloġija ġenerika.

"Industrial research" means the planned research or critical investigation aimed at the acquisition of new knowledge and skills for developing new products, processes or services or for bringing about a significant improvement in existing products, processes or services. It comprises the creation of components parts of complex systems, and may include the construction of prototypes in a laboratory environment or in an environment with simulated interfaces to existing systems as well as of pilot lines, when necessary for the industrial research and notably for generic technology validation.

"Spejjeż Eliġibbli" tfisser dawk l-ispejjeż magħmula direttament mill-Benefiċjarju tal-Proġett matul il-Perjodu tal-proġett u li huma qabel kollox użati sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Proġett, sakemm dawn ikunu eliġibbli skont ir-regoli għall-eliġibbilita' tal-ispejjeż li jinsabu fl-Annes I għar-Regoli għall-Parteċipazzjoni. Kull spiża eliġibbli għandha tkun raġevolment neċessarja għall-

"Eligible costs" means those costs incurred directly by the Beneficiary during the Project Period and used primarily for the purposes of achieving the objects of the Project, subject to their eligibility in line with the rules for eligibility of costs found in Annex I to the Rules for Participation. All eligible costs shall be reasonably necessary for the implementation of the Project, identified specifically within the Project, and

implimentazzjoni tal-Proġett, għandha tkun identifikata b'mod speċifiku fil-Proġett, u dawn l-ispejjeż għandhom jistgħu jiġu b'mod faċli u bi grad għoli ta' preċiżjoni marbuta ma' attivitajiet tal-Proġett;

"Spejjeż tal-persunal" tfisser l-ispejjeż marbutin ma Esperti, mar-riċerkaturi, t-tekniċi u persunal ieħor ta' appoġġ sakemm ikunu impjegati fuq il-proġett jew l-attività rilevanti.

"Strateġija Nazzjonali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Enerġija u l-Ilma (2021-2030)" tfisser l-istrateġija nazzjonali ppubblikata mill-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma li tiddeskrivi l-pjan tal-Gvern li jagħti spinta u jiggwida d-direzzjoni tar-R&I domestika fl-oqsma tal-enerġija u l-ilma għall-għaxar snin li ġejjin.

"Valur tal-Għotja" tfisser il-valur totali tal-għotja għall-finanzjament tal-Proġett mill-Awtorità Responsabbli.

"Żvilupp sperimentali" tfisser l-akkwist, il-kombinament, l-iffurmar u l-użu tal-għarfien u l-ħiliet eżistenti ta' natura xjentifika, teknoloġika, kummerċjali u ta' tip ieħor, bl-iskop li jiġu żviluppati prodotti, proċeduri jew servizzi ġodda jew imtejba. Dan jista' jinkludi wkoll, per eżempju, attivitajiet immirati lejn id-definizzjoni kunċettwali, l-ippjanar u d-dokumentazzjoni ta' prodotti, proċeduri jew servizzi ġodda. L-iżvilupp sperimentali jista' jinkludi l-prototipi, il-wiri, il-pilotaġġ, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' prodotti ġodda jew imtejba, il-proċessi jew is-servizzi f'ambjenti rappreżentattivi tal-kundizzjonijiet operattivi reali tal-ħajja meta l-għan ewlieni huwa li jkun hemm titjib tekniku ġdid għall-prodotti, il-proċessi jew s-servizzi li mhumiex sostanzjalment stabbiliti. Dan jista' jinkludi l-iżvilupp ta' prototip jew pilota li jkun kummerċjalment utilizzabbli u li huwa neċessarjament il-prodott kummerċjali finali u li huwa għali wisq biex jiġi prodott biex jintuża biss għal finijiet ta' dimostrazzjoni u validazzjoni. L-iżvilupp sperimentali ma jinkludix tibdiliet ta' rutina jew perjodiċi magħmula lill-prodotti eżistenti, il-linji ta' produzzjoni, il-proċessi ta' manifattura, is-servizzi u operazzjonijiet oħra li jkun għaddejjin, anke jekk dawn it-tibdiliet jistgħu jirrapreżentaw titjib.

shall be costs which can be assigned to Project activities easily and with a high degree of accuracy.

"Personnel costs" means the costs of experts, researchers, technicians and other supporting staff to the extent employed on the relevant project or activity.

"National Strategy for Research and Innovation in Energy and Water (2021-2030)" means the national strategy published by the Energy and Water Agency which outlines the Government's plan to boost and guide the direction of domestic R&I in the fields of energy and water over the upcoming decade.

"Grant Value" means the total value of the grant funding provided for the Project by the Managing Authority.

"Experimental development" means acquiring, combining, shaping and using existing scientific, technological, business and other relevant knowledge and skills with the aim of developing new or improved products, processes or services. This may also include, for example, activities aiming at the conceptual definition, planning and documentation of new products, processes or services. Experimental development may comprise prototyping, demonstrating, piloting, testing and validation of new or improved products, processes or services in environments representative of real-life operating conditions where the primary objective is to make further technical improvements on products, processes or services that are not substantially set. This may include the development of a commercially usable prototype or pilot which is necessarily the final commercial product and which is too expensive to produce for it to be used only for demonstration and validation purposes. Experimental development does not include routine or periodic changes made to existing products, production lines, manufacturing processes, services and other operations in progress, even if those changes may represent improvements.

2. Informazzjoni ġenerali dwar l-Iskema

Is-sett sħiħ ta' regoli, regolamenti u kundizzjonijiet applikabbli għall-Iskema stabbilita b'dan l-Avviż tal-Gvern jinstabu fir-Regoli għall-Parteċipazzjoni, liema dokument għandu jkun applikabbli fl-intier tiegħu għal din l-Iskema. Huwa mistenni li applikanti potenzjali jkunu qraw u ffamiljarizzaw ruħhom ma' dan id-dokument qabel ma jissottomettu applikazzjoni.

2.2 Is-Sejħa għall-Proposti għall-2022 tilqa'applikazzjonijiet għal appoġġ finanzjarju, liema appoġġ jieħu il-forma ta' għotja, għal proġetti ta' R&I fl-enerġija u fl-ilma li l-objettivi tagħhom huma konformi mal-politiki nazzjonali u li jfittxu li jikkontribwixxu b'mod tanġibbli sabiex jiġu indirizzati waħda minn dawn li ġejjin:

2. Overview of the Scheme

The full set of rules, regulations and conditions applicable to the Scheme established by this Government Notice are laid down in the Rules for Participation, which document shall be applicable to this Scheme in its entirety. Potential Applicants are expected to read through and familiarise themselves with the document in question prior to submitting an application.

2.2 The 2022 Call for Proposals invites applications for financial support, in the form of a grant, for R&I projects in energy and water whose objectives are in line with national policies and seek to contribute in a tangible manner to addressing one of the following:

a) Prijorità fil-politika nazzjonali jew sfida fis-setturi tal-enerġija u tal-ilma;

Jew

b) Kompetittività ekonomika u tkabbir f'varjetà ta' setturi nazzjonali, mill-perspettiva tal-enerġija u tal-ilma

2.3 L-enfasi huwa li l-benifikatur, huwa mistenni li fiż-żmien li jvarja bejn tmintax u erba' u għoxrin xahar (18-24), il-proġett mistenni jilħaq il-livell ta' Tħejjija Teknoloġika 7.

2.4 Għal lis-skema tal-2022, huma eliġibli biss proġetti li jiffukaw fuq 4 temi prinċipali. Dawn huma kif jidhru hawn:

a) Effiċenza fl-ilma f'sistemi tal-Agrikultura

b) Titjieb fil-kwalita tal-ilma tad-drenaġġ biex jitjieb b'mod effiċenti l-użu ta' l-ilma

c) Irkuprar ta' sħana industrijali u/jew Sistemi li jkesħu

d) PV u Integrazjoni ta' ħażna fil-batteriji

Preferenza sabiex jingħata appoġġ finanzjarju tingħata lill-proposti bl-ogħla punteġġi li jaqħu f'dawn l-oqsma ta' prijorità; l-oqsma ta' prijorità m'għandhomx ordni ta' preferenza bejniethom. Proġetti jistgħu jaqgħu f'firxa ta' dixxiplini, inkluż l-inġinerija u x-xjenzi naturali, xjenzi soċjali u ta' mġieba, big data u intelliġenza artifiċjali.

3. Eliġibbiltà

3.1 L-Applikant irid ikun bil-fors Konsorzju. Meta ssir l-applikazzjoni, l-Applikant għandu jkollu kapaċità suffiċjenti ta' riżorsi umani kwalifikati adattati (apparti minn dawk li jiġu reklutati għall-proġett), għarfien teknoloġiku xieraq u pożizzjoni finanzjarja tajba biżżejjed sabiex iwettaq proġett ta' R&I. Fil-ħin tal-ħlas tal-għajnuna, l-Imsieħeb Prinċipali tal-Applikant huwa meħtieġ li jkollu stabbiliment jew fergħa f'Malta.

3.2 L-iskema hija miftuħa kemm għall-Applikanti li jaqgħu barra mill-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat kif ukoll għal dawk li jaqgħu fl-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat.

4. Appoġġ Finanzjarju

4.1 Il-finanzjament massimu possibbli li jista' jintalab għal Proġett R&I taħt din l-Iskema huwa ta' €200,000 u l-finanzjament minimu possibbli mitlub m'għandux ikun inqas minn €120,000. In-numru ta' Proġetti li se jingħataw finanzjament huwa suġġett għad-disponibbiltà ta' fondi,

a) A national policy priority or challenge in the energy and water sectors;

or

b) Economic competitiveness and growth in a variety of national sectors, from an energy and water perspective.

2.3 The scheme expects that any beneficiary, within the duration ranging between eighteen and twenty four months (18-24), will reach Technology Readiness Level (TRL) 7 by the end of the project.

2.4 For the 2022 Call, only projects addressing these 4 main focus areas will be eligible for funding. These are as follows:

a) Water Efficient Agricultural Systems

b) Enhancing Industrial drainage water quality to improve water use efficiency

c) Industrial Heat Recovery and/or Spatial Cooling Systems

d) PV and Battery Storage Integration

Preference for financial support will be given to the highest scoring proposals within these priority areas; there is no order of preference of the priority areas. Target projects may fall in a range of disciplines, from engineering and natural sciences to social and behavioural sciences, big data and artificial intelligence.

3. Eligibility

3.1 An Applicant must be in a Consortium of at least two (2) partners from the categories that are listed in Section 2.1 of the Rules of Participation. At the time of application, the Applicant must have sufficient capacity with respect to suitable qualified human resources (in addition to those that shall be recruited for the project), appropriate technology acumen and financial standing to undertake a R&I project. At the time of payment of the assistance, the Applicant's Lead Partner is required to have an establishment or branch in Malta.

3.2 The scheme is open to both Applicants who fall outside the scope of State aid and those who fall within the scope of State aid.

4. Financial Support

4.1 The maximum possible funding that can be requested for an R&I Project under this Scheme is € 200,000 and the minimum possible funding requested shall not be less than €120,000. The number of Projects which will be awarded funding is subject to the availability of funds, up to a

sa massimu ta' €500,000, fejn il-fondi jiġu allokati għal Proġetti skond l-ordni ta' klassifikazzjoni li joħroġ mill-proċess ta' evalwazzjoni deskritt f'5.3-5.7.

4.2 L-intensità tal-għajnuna tiġi ddeterminata abbażi tal-entità (mhux abbażi tal-proġett). Entitajiet li ma jaqgħux fl-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat għandhom jirċievu finanzjament ta' 100% għall-ispejjeż eliġibbli approvati, li jiġu magħmula waqt il-Perjodu tal-Proġett. L-intensità tal-għajnuna għal entitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat hija ddeterminata skond il-livell ta' attività ta' R&I li qed titwettaq u d-daqs tal-entità, skond it-tabella hawn taħt.

Għajnuna għal proġettita' R&I taħt is-Sejħa għall-Proposti tal-2022	**Intrapriża żgħira**	**Intrapriża ta' daqs medju**	**Intrapriża kbira**
Riċerka industrijali	70%	60%	50%
Soġġetti għal kollaborazzjoni effettiva bejn intrapriżi li fosthom għall-inqas wieħed minnhom huwa SME, jew il-proġett huwa mwettaq għall-inqas f'żewġ Stati Membri, jew fi Stat Membru u f'Parti Kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE, u l-ebda intrapriża unika ma tbati iktar minn70% tal-ispejjeż eliġibbli, jew bejn intrapriża u organizzazzjoni waħda jew iktar tar-riċerka	80%	75%	65%
Żvilupp sperimentali	45%	35%	25%

4.2 The aid intensity is determined on an entity basis (not a project basis). Entities falling outside the scope of State aid shall receive 100% funding for approved eligible costs incurred during the Project Period. The aid intensity for entities that fall within the scope of State aid is determined according to the level of R&I activity being undertaken and the size of the entity, as per the table below.

Aid for R&I projecs under the 2022 Call for Proposals	**Small enterprise**	**Medium-sized enterprise**	**Large enterprise**
Industrial research	70%	60%	50%
Subject to effective collaboration between undertakings among which at least one is an SME, or is carried out in at least two Member States, or in aMember State and in a Contracting Party of the EEA Agreement, and no single undertaking bears more than 70% of the eligible costs, or between an undertaking and one or more research and knowledge-dissemination organisations, where thelatter bear at least 10 %of the eligible costs andhave the right to publishtheir own research results; or Subject to wide dissemination of results through conferences, publication, open access repositories, or free or open source software	80%	75%	65%
Experimental Development	45%	35%	25%

Soġġetti għal kollaborazzjoni effettivabejn intrapriżi li fosthomgħall-inqas wieħed minnhom huwa SME, jew il-proġett huwa mwettaq għall-inqas f'żewġ Stati Membri, jew fi Stat Membru u f'Parti Kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE, u l-ebda intrapriża unikama tbati iktar minn 70 % tal-ispejjeż eliġibbli, jew bejn intrapriża u organizzazzjoni waħda jew iktar tar-riċerka u t-tixrid tal-għarfien, meta dawn tal-aħħar iġorru mill-inqas 1-10 % tal-ispejjeż eliġibbli u għandhom id-dritt li jippubblikaw ir-riżultati tar-riċerka tagħhom; jew ir-riżultati tal-proġett jixxerrdu sew permezz ta' konferenzi, pubblikazzjoni, repożitorji b'aċċess miftuħ, jew permezz ta'softwer b'xejn jew ta' sors miftuħ	60%	50%	40%
Avviż Nru. 59 Bejgħ tale quale ta' żewġ (2) siti 'A' u 'B' fil-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa kif muri bl-aħmar u mmarkati 'A' u 'B' rispettivament u bid-dettalji kollha fuq il-pjanta P.D.2020_0456. Sit 'A' jikkonsisti minn tliet kolonni ta' wieħed punt deċimali ħamsa (1.5 m2) metri kwadri kull waħda sal-għoli ta' tnejn punt deċimali sebgħa ħamsa (2.75m) metri u sit 'B' jikkonsisti minn area ta' dsatax (19m2) metru kwadru mill-ewwel (1) livell 'il fuq hekk kif muri fuq l-istess pjanta P.D. 2020_0456. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €11,100 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u ħamsa u ħamsin elf ewro (€155,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 59. Sale tale quale of two sites 'A' and 'B' at Il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa as shown edged in red and marked 'A' and 'B' respectively and in full detail on the plan P.D.2020_0456. Site 'A' consists of three columns at one decimal point five (1.5m2) square metres each up to the height of two decimal point seven five (2.75m) metres and Site 'B' consists of an area of nineteen (19m2) square metres from level one (1) upwards as shown on the same plan P.D.2020_0456. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €11,100 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and fifty-five thousand euro (€155,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together

il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

It-3 ta' Ġunju, 2022

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li 'Otters ASC' qed titlob sejħa għall-offerti (Project Reference VOPS 14.2021).

Otters ASC teħtieġ l-offerta tas-servizzi għall-iżvilupp ta' programmi ta' tagħlim, iffilmjar u editjar u servizzi ta' marketing, Referenza: OTT/01/2022, bħala parti mill-VOPS 14.2021 'Nindirizzaw l-isfidi tal-Covid-19 permezz tal-iżvilupp ta' pjattaforma online u inizjattiva ta' tagħlim varjat'.

Offerenti prospettivi jistgħu jniżżlu d-dokument tal-offerta u informazzjoni addizzjonali mis-sit elettroniku tal-assoċjazzjoni (https://www.ottersasc.club).

L-iskadenza għas-sottomissjonijiet hija l-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju, 2022, fid-9.30 a.m.

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Iskema tal-Proġetti tal-Organizzazzjonijiet Volontarji mmexxija mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat.

It-3 ta' Ġunju, 2022

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ

Id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, jgħarraf li:

Espressjonijiet ta' Interess se jintlaqgħu permezz ta' it-tra elettronika biss lil (offers.mfet@gov.mt) sa mhux aktar tard mill-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, 17 ta' Ġunju, 2022, għal:

Ref. No. CFQ 030/2022. Bejgħ ta' vettura 'Tale Quale' fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Kopja elettronika tal-formola tal-applikazzjoni bil-kundizzjonijiet relattivi jistgħu jitniżżlu b'xejn mis-sit tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej (https://foreign.gov.mt/en/Pages/Tenders.aspx).

It-3 ta' Ġunju, 2022

with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

3rd June, 2022

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta Council for the Voluntary Sector notifies that 'Otters ASC' is requesting a call for tender (Project Reference VOPS 14.2021).

Otters ASC needs the services tender for the development of learning programmes, filming and editing and marketing services, Reference: OTT/01/2022, as part of the VOPS 14.2021 'Addressing Covid-19 challenges through the development of a new web platform and a blended learning initiative'.

Prospective bidders can download the tender document and additional information from the association's webpage (https://www.ottersasc.club).

Deadline for submissions is Friday, 24th June, 2022, at 9.30 a.m.

This project has been funded through the Voluntary Organisations Project Scheme managed by the Malta Council for the Voluntary Sector.

3rd June, 2022

MINISTRY FOR FOREIGN AND EUROPEAN AFFAIRS AND TRADE

The Director Corporate Services, Ministry for Foreign and European Affairs and Trade, notifies that:

Expressions of Interest will be received by electronic mail only to (offers.mfet@gov.mt) by not later than 10.00 a.m. of Friday, 17th June, 2022, for:

Ref. No. CFQ 030/2022. Sale of one (1) 'Tale Quale' vehicle at the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade

An electronic copy of the application form with relative conditions can be downloaded free of charge from the website of the Ministry for Foreign and European Affairs (https://foreign.gov.mt/en/Pages/Tenders.aspx).

3rd June, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement u Provvisti), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 20 ta' Ġunju, 2022. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 021-0656/22. Provvista ta' Nadolol tablets

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju, 2022. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 021-0640/22. Provvista ta' 'Crisantaspase injections'

CFT 020-0641/22. Provvista ta' 'disposable 5mm surgical trocars'

CFT 020-0642/22. Provvista ta' 'sterile electro surgical electrode tip cleaner'

CFT 020-0643/22. Provvista ta' 'ramp fast cath guiding introducers'

CFT 020-0644/22. Provvista ta' 'exchange guide wires'

CFT 020-0645/22. Provvista ta' 'MRI conditional single chamber ICD with lead'

CFT 020-0646/22. Provvista ta' 'nylon tape for cardiac surgery'

CFT 020-0647/22. Provvista ta' 'venous cannula for transplant retreival'

CFT 020-0648/22. Provvista ta' 'test tubes, stoppers and glass vials for clinical chemistry'

CFT 021-0649/22. Provvista ta' 'Daunorubicin injections'

CFT 009-0650/22. Provvista ta' 'port patch panel'

CFT 020-0651/22. Provvista ta' diversi 'items for stoma'

CFT 009-0652/22. Provvediment ta' servizzi ta' 'interior designer' għal xogħlijiet speċifiċi

CFT 021-0653/22. Provvista ta' 'Cyclophosphamide 50mg tablets'

CFT 020-0654/22. Provvista ta' 'chemotherapy spillage kits'

CFT 020-0655/22. Provvista ta' 'haemostatic compress'

CFT 020-0657/22. Provvista ta' 'surgical hair clippers'

CFT 020-0658/22. Provvista ta' 'infusion set with 90 degree angled non coring needles'

CFT 009-0659/22. Provvista ta' tliet 'CO_2 incubators with low oxygen option' inkluż 'pH monitoring system' għal 'culture of embryos – IVF'

CFT 009-0660/22. Provvista ta' żewġ 'liquid nitrogen storage/transport cylinders' għal IVF

CFT 009-0661/22. Provvista ta' 'box type dry incubator for IVF'

CFT 009-0662/22. Provvista ta' 'bright field microscope for IVF'

CFT 020-0663/22. Provvista ta' 'disposable cycloprobes'

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notice will be received till 9.30 a.m. on Monday, 20th June, 2022 Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 021-0656/22. Supply of Nadolol tablets

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. on Friday, 24th June, 2022 Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 021-0640/22. Supply of Crisantaspase injections

CFT 020-0641/22. Supply of disposable 5mm surgical trocars

CFT 020-0642/22. Supply of sterile electro surgical electrode tip cleaner

CFT 020-0643/22. Supply of ramp fast cath guiding introducers

CFT 020-0644/22. Supply of exchange guide wires

CFT 020-0645/22. Supply of MRI conditional single chamber ICD with lead

CFT 020-0646/22. Supply of nylon tape for cardiac surgery

CFT 020-0647/22. Supply of venous cannula for transplant retreival

CFT 020-0648/22. Supply of test tubes, stoppers and glass vials for clinical chemistry

CFT 021-0649/22. Supply of Daunorubicin injections

CFT 009-0650/22. Supply of port patch panel

CFT 020-0651/22. Supply of various items for stoma

CFT 009-0652/22. Provision of services of an interior designer for specific jobs

CFT 021-0653/22. Supply of cyclophosphamide 50mg tablets

CFT 020-0654/22. Supply of chemotherapy spillage kits

CFT 020-0655/22. Supply of haemostatic compress

CFT 020-0657/22. Supply of surgical hair clippers

CFT 020-0658/22. Supply of infusion set with 90 degree angled non coring needles

CFT 009-0659/22. Provision of three CO_2 incubators with low oxygen option including a pH monitoring system for the culture of embryos – IVF

CFT 009-0660/22. Provision of Two liquid nitrogen storage/Transport cylinders for IVF

CFT 009-0661/22. Provision of box type dry incubator for IVF

CFT 009-0662/22. Provision of one bright field microscope for IVF

CFT 020-0663/22. Supply of disposable cycloprobes

CFT 009-0664/22. Provvista ta' żewġ 'centrifuges for IVF'

CFT 009-0665/22. Provvista ta' żewġ 'dry bath incubators għal IVF'

CFT 021-0666/22. Provvista ta' 'lidocaine HCl 1% with Adrenaline 1 in 200,000 injections'

CFT 009-0667/22. Provvista ta' diversi 'micropipettes'

CFT 009-0668/22. Provvista ta' 'oocyte pumps'

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Il-31 ta' Mejju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Provvisti, Ministeru għas-Saħħa) jgħarraf illi:

CFT021-0622/22. Provvista ta' 'Daunorubicin injections'

ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Mejju, 2022, ġie mħassar.

It-3 ta' Ġunju, 2022

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, permezz tal-ePPS, sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Ġunju, 2022, għal:

Avviż Nru. SPB T/01/2022. Provvista ta' vann second-hand b'emmissjonijiet baxxi u b'tail lift.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

It-3 ta' Ġunju, 2022

CFT 009-0664/22. Provision of two centrifuges for IVF

CFT 009-0665/22. Provision of two dry bath incubators for IVF

CFT 021-0666/22. Supply of lidocaine HCl 1% with adrenaline 1 in 200,000 injections

CFT 009-0667/22. Provision of various micropipettes

CFT 009-0668/22. Provision of oocyte pumps

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

3rd June, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies, Ministry for Health) notifies that:

CFT021-0622/22. Supply of Daunorubicin injections

published in the Government Gazette of 27th May, 2022, has been cancelled.

3rd June, 2022

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies that:

Tenders will be received at the San Pawl il-Baħar Local Council through ePPS, up to noon of Monday, 27th June, 2022, for:

Advt No. SPB T/01/2022. Supply of a low emission, second-hand van with tail lift

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

3rd June, 2022

KUNSILL LOKALI N-NAXXAR

Il-Kunsill Lokali n-Naxxar jgħarraf illi:

Sad-9.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju, 2022, offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali n-Naxxar, għal:

Avviż Nru. NLC/01/2022. Xiri ta' tagħmir tad-dawl effiċjenti fl-użu tal-enerġija ta' gym ta' barra fi Triq l-Għakkies, in-Naxxar.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-3 ta' Ġunju, 2022

NAXXAR LOCAL COUNCIL

The Naxxar Local Council notifies that:

Tenders will be received through ePPS at Naxxar Local Council up to 9.00 a.m. on Friday, 24th June, 2022, for:

Advt No. NLC/01/2022. Purchase of energy efficient lighting equipment for the outdoor gym in Triq l-Għakkies, Naxxar.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

3rd June, 2022

KUNSILL LOKALI L-MUNXAR

Il-Kunsill Lokali l-Munxar jgħarraf li:

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju, 2022, jintlaqgħu offerti permezz tal-ePPS għal:

Avviż Nru. MXR/04/2022. Provvista, installazzjoni, ittestjar u kkummissjonar ta' servizzi elettriċi (finituri tad-dawl) fil-bandli, Triq il-Prof. Ġużè Aquilina, Il-Munxar, Għawdex.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aħħar waħda vantaġġjuża.

It-3 ta' Ġunju, 2022

MUNXAR LOCAL COUNCIL

The Munxar Local Council notifies that:

Tenders will be received through ePPS up to 11.00 a.m. on Friday, 24th June, 2022, for:

Advt No. MXR/04/2022. Supply, installation, testing and commissioning of electrical services (light fixtures) at the playing field, Triq il-Prof. Ġużè Aquilina, Munxar, Gozo.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

3rd June, 2022

KUNSILL LOKALI R-RABAT (MALTA)

Il-Kunsill Lokali r-Rabat (Malta) jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti mill-Kunsill Lokali r-Rabat (Malta) permezz tal-ePPS sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 8 ta' Lulju, 2022, għal:

Avviż Nru. RLC/T/205/22. Servizz ta' ġbir ta' skart goff bl-użu ta' vettura b'emissjonijiet baxxi għall-Kunsill Lokali r-Rabat Malta.

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

The Rabat (Malta) Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Rabat (Malta) Local Council through ePPS, up to 9.30 am on Friday, 8th July, 2022, for:

Advt No. RLC/T/205/22. Bulky refuse service using low emission vehicle for the Rabat (Malta) Local Council.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-3 ta' Ġunju, 2022

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

3rd June, 2022

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

953

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 ta' Mejju, 2022, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 22 ta' Settembru, 2022, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-fond numru tletin (30) bl-isem Massabielle, ġja Mount Tabor, fi Pjazza Kappillan Muscat, Il-Ħamrun, liema fond huwa sovrastanti in parti għall-bini ta' terzi, liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu u dan kif aħjar deskritt fl-atti tan-nutar Anthony Spiteri Debono talgħoxrin ta' Frar, elfejn u sitta (20.2.2006) li permezz tiegħu l-proprjetà ġiet akkwistata tramite donazzjoni mingħand Josephine Theuma u stmat li jiswa mitejn u ħamsa u disgħin elf ewro (€295,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Borg Eman (KI 252980M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 29/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 30 ta' Mejju, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 30th May, 2022, on the application of HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177), Thursday, 22nd September, 2022, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The tenement number thirty (30) named Massabielle previously named Mount Tabor, in Pjazza Kappillan Muscat, Hamrun, partially overlying third party property, free and unencumbered with all its rights and appurtenances, as better described in the acts of Notary Anthony Spiteri Debono dated twentieth February, two thousand and six (20.2.2006) by which the property was acquired through a donation from Josephine Theuma and valued at two hundred and ninety five thousand euro (€295,000).

The said tenement is the property of Borg Eman (ID 252980M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 29/2021.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 30th May, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

954

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-23 ta' Frar, 2022, Rikors numru 329/2022, minn Joseph Pace u Geraldine Cooper fejn insegwitu tar-rikors Gemma Pace, xebba, pensjonanta, bint il-mejtin Giuseppe Pace u Erminia Pace nee Galea, imwielda Vittoriosa fil-15 ta' Settembru, 1922, ta' 99 sena, u li għandha karta tal-identità bin-numru

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 23rd February, 2022, Application number 329/2022 by Joseph Pace and Geraldine Cooper, whereby following the application Gemma Pace, unmarried, pensioner, daughter of the late Giuseppe Pace and Erminia Pace nee Galea, born in Vittoriosa on the 15th September, 1922, aged 99, and holding identity card number

551122M, ġiet inabilitata b'digriet tad-19 ta' April, 2022, bil-kundizzjonijiet hemm imsemmija.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 30 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

551122M, was incapacitated by means of a decree given on the 19th April, 2022, under the conditions therein mentioned.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 30th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

955

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-27 ta' Jannar, 2022, Rikors numru 169/2022, minn Mary sive Mariella Callus, Joseph Xuereb, Victor Xuereb, Anna Zammit, Pierre Xuereb u Catherine Xuereb, fejn insegwitu tar-rikors Francis Xuereb, żewġ Catherine Xuereb bin il-mejtin Giuseppe Xuereb u Angela Xuereb née Gatt, imwieled in-Naxxar fis-17 ta' April, 1934, ta' 87 sena, residenti n-Naxxar, Malta, u li għandu karta tal-identità numru 322534M, ġie interdett mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' April, 2022.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 30 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 27th January, 2022, Application number 169/2022, by Mary sive Mariella Callurs, Joseph Xuereb, Victor Xuereb Anna Zammit, Pierre Xuereb and Catherine Xuereb, whereby following the application Francis Xuereb, husband of Catherine Xuereb, son of the late Giuseppe Xuereb and Angela Xuereb née Gatt, born in Naxxar on the 17th April, 1934, aged 87, residing in Naxxar, Malta and holding identity card number 322534M, was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 19th April, 2022.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 30th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

956

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 ta' Mejju, 2022, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 22 ta' Settembru, 2022, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-penthouse internament immarkata numru ħamsa (5), fit-tielet sular, bl-arja tagħha, bid-dritt ta' aċċess mill-partijiet komuni, sovrastanti appartamenti oħrajn u formanti parti minn blokk appartamenti bl-isem Fair Winds, ġja jew drabi oħra indikat bħala Castagna House, fi Triq l-Iskal, Marsaskala. Il-bejt u l-arja huma suġġetti għad-dritt ta' installazzjoni u manutenzjoni ta' tank tal-ilma, aerial tat-televiżjoni u air conditioner unit tal-maisonette bl-isem Mandy Castagna House, kif ukoll suġġett għall-installar u manutenzjoni ta' solar water heater/panel, tliet air conditioning units, tank tal-ilma, satellite dish u aerial tal-appartament sottostanti, konfinanti fuq il-Punent mat-triq imsemmija, mat-Tramuntana u Lvant mas-suċċessuri fit-

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 30th May, 2022, after the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 22nd September, 2022, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The penthouse internally marked number five (5), on the third floor level, with its airspace, with the right of access from the common areas, overlying other apartments and forming part of a block of apartments named Fair Winds, previously or other times indicated as Castagna House, in Triq l-Iskal, Marsaskala. The roof and the airspace are subject to the right of installation and maintenance of a water tank, television aerial and air conditioner unit of the maisonette named Mandy Castagna House, as well as subject to the installation and maintenance of a solar water heater/panel, three air conditioning units, one water tank, satellite dish and aerial of the underlying apartment, bounded West by the said street, North and East with the successors in title of Maximilian

titolu ta' Maximilian u Mary konjugi Castagna. Il-penthouse hija eżentata mill-ħlas ta' kwalunkwe ċens u subċens, liberu u frank u bil-pertinenzi kollha tiegħu, bis-servitudnijiet passivi riżultanti mil-lokazzjoni tiegħu, u dan kif aħjar deskritt fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awwissu, elfejn u disgħa (2009), u stmata għal tliet mija u erbgħin elf ewro (€340,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Mallinowski Steffen (KI 21795A).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 30/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 30 ta' Mejju, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and Mary spouses Castagna. The penthouse is exempted from any payments of any ground rent and sub ground rent, free and unencumbered and with all its appurtenances, with the passive servitudes resulting from its location, as better described in the acts Notary Ruben Casingena dated twenty fifth (25) August, two thousand and nine (2009), and is valued at three hundred and forty thousand euro (€340,000).

The said tenement is the property of Mallinowski Steffen (ID 21795A).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 30/2021.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 30th May, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

957

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-8 ta' Frar, 2021, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1213/2020FDP, li ġie ppreżentat fl-18 ta' Diċembru, 2020, fl-ismijiet Camland Ltd vs Grech Joseph, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tinnomina kuraturi biex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att ta' bejgħ. Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Novembru, 2020, kontra l-konvenut, inġunt minn issa għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-14 ta' Lulju, 2022, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Grech Joseph, 16A, Sqaq Bisazza, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Mejju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order given by the Civil Court, First Chamber, on 8th February, 2021, in the acts of the Sworn Application number 1213/2020FDP, which was filed on 18th December, 2020, in the names Camland Ltd vs Grech Joseph, the following publication was ordered, pursuant to Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: Appoint curators to represent potential defaulters on the same act of sale. With all costs including those of the official letter of 27th November, 2020, against the defendant, summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the above names is adjourned for 14th July, 2022, at 9.00 a.m.

Notification Respondent: Grech Joseph, 16A, Sqaq Bisazza, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 31st May, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

958

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, fil-21 ta' Diċembru, 2021, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 70/2021, li ġie ppreżentat fis-16 ta' Settembru, 2021, fl-ismijiet Aquilina Maria Theresa vs Zerafa Joseph, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Ai termini tal-Artikoli 23 u 24

By order of the Court of Appeal of 21st December, 2021, in the acts of the Sworn Application number 70/2021, filed on 16th September, 2021, in the names Aquilina Maria Theresa vs Zerafa Joseph, the following publication was ordered, pursuant to Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: In terms of Articles 23 and 24 of the Marriage Act, Cap. 255 of the Laws of Malta, it is stated

tal-Att dwar iż-Żwieġ, Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li ż-żwieġ hawn fuq indikat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u d-deċiżjoni hawn fuq imsemmija hija eżegwibbli f'Malta u konsegwentement jogħġobha tawtorizza r-reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' nullità taż-żwieġ fuq imsemmi għall-fini u l-effetti kollha tal-liġi u tordna li ssir l-anotazzjoni relattiva fl-att dwar iż-żwieġ reġistrat fir-Reġistru Pubbliku konċernanti ż-żwieġ fuq imsemmi.

that the marriage indicated above between the contenders is null and void for the purposes and all effects of the law and the above decision is enforceable in Malta and consequently it authorises the registration of the declaration of nullity of the marriage above for the purpose and all the effects of the law and orders that the relative entry is made in the marriage deed registered in the public register concerning the above-mentioned marriage.

Notifika Intimat: Zerafa Joseph Zerafa, Sweet Breeze, Triq Adeodato Gatt, Ħaż-Żebbuġ

Service Respondent: Joseph Zerafa, Sweet Breeze, Triq Adeodato Gatt, Ħaż-Żebbuġ

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Mejju, 2022

Registry of the Superior Courts, today 31st May, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

959

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-18 ta' Jannar, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 968/2021AD, li ġie ppreżentat fl-10 ta' Diċembru, 2021, fl-ismijiet Rx Construction Ltd vs M&M Commercials Ltd, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

By order given by the Civil Court, First Hall, on 18th January, 2022, in the acts of the Sworn Application No. 968/2021AD, which was filed on 10th December, 2021, in the names Rx Construction Ltd vs M&M Commercials Ltd, the following publication was ordered, pursuant to Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: The plaintiff's claims are unfounded in fact and in law and must be rejected as costs. Further exceptions might be included.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-16 ta' Ġunju, 2022, fil-11.30 a.m.

The Sworn Application in the above names is adjourned for 16th June, 2022, at 11.30 a.m.

Notifika Intimat: Rx Construction Ltd, 53, Solitaire, Triq ix-Xitwa Ħal Qormi

Notice to Respondent: Rx Construction Ltd, 53, Solitaire, Triq ix-Xitwa Ħal Qormi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 31 ta' Mejju, 2022

Registry of the Superior Courts, today, 31st May 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

960

B'digriet moghti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-30 ta' April, 2022, fl-atti tar-Rikors 790/2006 fl-ismijiet Jeffrey Mizzi u b'digriet tas-27 ta' Awwissu, 2007, Lucia armla minn Jeffrey Mizzi (KI 236170M) f'isimha proprju u bħala kuratriċi ta' wliedha minuri … omissis … u … omissis … assumiet l-atti tal-kawża stante l-mewt tal-istess Jeffrey Mizzi vs John Micallef f'ismu proprju u għan-nom u inrappreżentanza ta' Johnny J. Company Limited (C1975) u b'digriet tal-4 ta' Jannar, 2019, l-atti tal-kawża f'isem John Micallef ġew trasfużi f'isem Rose Micallef (KI 0243742M)

By means of a decree given by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) of 30th April, 2022, in the records of Application 790/2006 in the names of Jeffrey Mizzi and by decree of 27th August, 2007, Lucia widow of Jeffrey Mizzi, (ID 236170M) in her own name and as curator of her minor children … omissis … and … omissis … took over the case due to the death of the same Jeffrey Mizzi vs John Micallef in his own name and on behalf of and in representation of Johnny J. Company Limited (C1975) and by decree of 4th January, 2019, the records of the case in the name of John

stante l-mewt tiegħu ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-imsemmija Lucia Mizzi, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Rikors tal-Appell ta' Rose Micallef (KI 0243742M) bħala l-unika eredi ta' John Micallef, liema atti ġew trasfużi f'isimha b'digriet tal -Prim'Awla tal-Qorti tal-4 ta' Jannar, 2019; u ta' Johnny J. Company Limited (C1975) esponew bir-rispett li insegwitu għal rikors ġuramentat ta' Jeffrey Mizzi, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-seduta tat-30 ta' Novembru, 2020, illiberat lill-intimata mill-osservanza tal-ġudizzju waqt li ġie deċiż mill-imsemmija Qorti li laqgħet l-ewwel eċċezzjoni billi ddikjarat li l-konvenut John Micallef de proprio mhuwiex il-leġittimu kontradittur tal-atturi; … omissis … ; ċaħdet it-tielet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni; iddikjarat u ddeċidiet li l-kumpannija konvenuta Johnny J. Company Limited (C1975) invadiet u okkupat porzjon ta' art fi Rdum Depiro, Triq Panoramika, ġja Dingli Cliffs Road, Ħad-Dingli; ikkundannat lill-kumpanija konvenuta Johnny J. Company Limited (C1975) sabiex sa żmien sitt (6) xhur mis-sentenza tiżgombra l-art msemmija; awtorizzat lill-atturi sabiex a spejjeż tal-kumpanija konvenuta Johnny J. Company Limited (C1975), jagħmlu huma dak kollu li kien deċiż li l-istess kumpanija konvenuta għandha tagħmel skont it-tieni talba; u ordnat lil Johnny J. Company Limited tħallas l-ispejjeż.

Peress li l-appellanti ħassewhom aggravati b'din it-tali sentenza tat-30 ta' Novembru, 2020, u interponew umli appell għal quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

… omissis …

Illi mhux mifhum kif il-Prim'Awla tal-Qorti affermat li m'hemmx dubju dwar it-titolu tal-attur stante li ġie ppruvat illi Cotswold Limited ma bigħetx lil Daragon Limited proprjetà li kienet fil-pussess oriġinarjament tal-gabillott u qatt kunsidrata bħala proprjetà tal-Baruni De Piro, tant li ġiet eskluża mill-bejgħ li Cotswold Limited għamlet lill-istess Daragon Limited. Ma seta' qatt jingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti illi ma kienx hemm dubju dwar it-titolu tal-attur.

… omissis …

Għaldaqstant, l-appellanti filwaqt li jagħmlu referenza għax-xhieda u dokumenti kollha esibiti in atti, u filwaqt li jirriżervaw id-dritt li jġibu provi u xhieda ulterjuri skont il-liġi, jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jogħġobha tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-30 ta' Novembru, 2020, inkwantu laqgħat l-ewwel talba, it-tieni u t-tielet talba tal-appellati u ċaħdet it-tielet sal-erbatax-il eċċezzjoni tal-appellanti, u tikkonfermaha inkwantu laqgħat

Micallef were transferred to the name of Rose Micallef (ID 0243742M) following his death, the following publication was ordered to serve as notification against the said Lucia Mizzi, in terms of Section 187 (3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of an Appeal Application by Rose Micallef (ID 0243742M) as the sole heir of John Micallef which acts were transferred onto her name by decree of the First Hall Civil Court of 4th January, 2019; and Johnny J. Company Limited (C1975) respectfully stated that following a sworn application of Jeffrey Mizzi, the First Hall of the Civil Court at the hearing of 30th November, 2020, non suited the respondent with the court upholding the first plea in law, declaring that the defendant John Micallef de proprio is not the legitimate defendant of the plaintiffs; … omissis … ; the Court dismissed the third plea of prescription; declared and ruled that defendant Johnny J. Company Limited (C1975) invaded and occupied a portion of land in Depiro Ridge, Panoramic Road, formerly Dingli Cliffs Road, Ħad-Dingli; condemned the defendant Johnny J. Company Limited (C1975) to vacate the said land within six (6) months from the delivery of judgment; authorized the plaintiffs to, at the expense of the defendant Johnny J. Company Limited (C1975), do whatever it was decided that the same defendant company should do in accordance with the second claim; and ordered Johnny J. Company Limited to pay the costs.

Whereas the appellants felt aggrieved by this judgment of 30th November, 2020, and humbly appealed to this Honourable Court of Appeal.

… omissis …

Whereas it is not understood how the First Hall of the Civil Court affirmed that there is no doubt about the title of the plaintiff since it was proved that Cotswold Limited did not sell to Daragon Limited a property that was originally in the possession of the farmer (gabillott) and never considered to be the property of Baron De Piro, so much so that it was excluded from the sale made by Cotswold Limited to the same Daragon Limited. The First Hall of the Civil Court could never have concluded that there was no doubt about the title of the plaintiff.

… omissis …

Therefore, the appellants while referring to the evidence and documents exhibited all in the records of the proceedings and while reserving the right to adduce further evidence and testimony in accordance with the law, humbly request this Honourable Court of Appeal to revoke the judgment of the Court of First Instance of 30th November, 2020, in so far as it upheld the first, second and third claims of the appealed parties and rejected the third to the fourteenth plea of the appellants,

l-ewwel eċċezzjoni tal-appellanti. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

Notifika: Lucia Mizzi, 19, Block C, Flat 4, Triq Mac Iver, Mac Iver Flats, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 31 ta' Mejju, 2022

DR FRANCO BONDIN, LLD, M.JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

whilst confirming it as to the first plea of the appellants. With costs of both instances against the defendants.

Notification: Lucia Mizzi, 19, Block C, Flat 4, Triq Mac Iver, Mac Iver Flats, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 31st May, 2022

DR FRANCO BONDIN, LLD, M.JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

961

B'digriet tas-27 ta' Mejju, 2022, wara sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-26 ta' Novembru, 2020, f'Rikors numru 889/18, mill-Onorevoli Mħallef Francesco Depasquale fl-ismijiet Agius Robert Anthony (KI 258389M) vs Callus Kirsty (KI 358992M) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 10 ta' Novembru, 2022, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Appartament internament immarkat bin-numru disgħa (9) entratura ittra 'C', formanti parti minn Binja l-Imsieraħ, fi Triq Tal-Balal, San Ġwann, sitwat fir-raba' sular li jinkludi sehem indiviż mill-komun u l-bejt u stmat li jiswa ċirka mitejn elf ewro (€200,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Agius Robert Anthony (KI 258389M) u Callus Kirsty (KI 358992M) skont il-kwoti indikati fis-sentenza mogħtija mill-Onor. Imħallef Francesco Depasquale fis-26 ta' Novembru, 2020, fl-ismijiet Agius Robert Anthony (KI 258389M) Vs Callus Kirsty (KI 358992M) f'Rikors numru 889/18.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 51/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 31 ta' Mejju, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree of the 27th May, 2022, following a judgement given by the Civil Court, First Hall on the 26th November, 2020, on the application number 889/18 given by the Honourable Judge Francesco Depasquale in the names of Agius Robert Anthony (ID 258389M) vs Callus Kirsty (ID 358992M), Thursday, 10th November, 2022, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Tenement internally marked with number nine (9) entrance letter 'C', forming part of Binja l-Imsieraħ, in Triq Tal-Balal, San Ġwann, situated on the fourth floor, including the undivided share of the common area and the roof and valued at circa of two hundred thousand euro (€200,000)

The said tenement is the property of Agius Robert Anthony (ID258389M) u Callus Kirsty (ID358992M) as per quotes indicated on the judgement given by the Hon. Judge Francesco Depasquale on the 26th November, 2020, in the names of Agius Robert Anthony (ID 258389M) Vs Callus Kirsty (ID 358992M) in application number 889/18.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 51/2020.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 31st May, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

962

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-26 ta' April, 2022, u dan wara rikors b'numru 189/2022, Ordnat:

Il-korrezzjoni fl-Att taż-Żwieg li jġib in-numru 2256/2014 sabiex fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom' relativa għal

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 26th April, 2022, and upon an application numbered 189/2022, Ordered:

The Correction in the Act of Marriage bearing the number 2256/2014 so that in the column headed 'Name and surname'

'Tagħrif dwar ir-raġel miżżewweġ' il-kunjom 'Soumana Diori' jiġi mħassar u sostitwit bil-kunjom 'Diori' u li dan isir ukoll għall-kunjom tal-mara fiż-żwieġ Maria Elena.

Il-korrezzjoni tal-istess Att taż-Żwieg li jġib in-numru 2256/2014 sabiex fil-kolonna intestata 'Data u Post tat-Twelid u Dokument ta' Identifikazjoni' relativ għal 'Tagħrif dwar ir-raġel miżżewweġ' jitħassru l-kliem 'Zou Zou Beri' u jiġu sostitwiti bil-kelma 'Niamey'.

Il-korrezzjoni tal-istess Att taż-Żwieg li jġib in-numru 2256/2014 billi fil-kolonna intestata 'Isem, kunjom u kunjom xbubit l-Omm' il-kliem 'Fati Fattay née Fattay' jiġu mħassra u sostitwiti bil-kliem 'Fatoumata Fataye Oumarou née Oumarou'.

Il-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid li jġib in-numru 6321/2016 sabiex fil-kolonna intestata 'Isem jew ismijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejħa u kunjom' u kif ukoll fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom' u dan inkwantu jirrigwarda il-kunjom tal-missier u l-omm, il-kliem 'Soumana Diori' jiġu mħassra u sostitwiti bil-kelma 'Diori'.

Il-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid li jġib in-numru 2987/2020 sabiex fil-kolonna intestata 'Isem jew ismijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejħa u kunjom' u kif ukoll fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom' u dan inkwantu jirrigwarda il-kunjom tal-missier u l-omm, il-kliem 'Soumana Diori' jiġu mħassra u sostitwiti bil-kelma 'Diori'. Kif ukoll id-dettalji tan-nanna materna (ġenitur 1(b)) għandhom jidhru bħala 'Fatoumata Fataye Oumarou née Oumarou'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, illum it-Tlieta, 31 ta' Mejju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

relating to 'Particulars of the husband' the surname 'Soumana Diori' is deleted and substituted by surname 'Diori' and that this is also reflected in the surname of the wife: Maria Elena.

The Correction of the same Act of Marriage bearing the number 2256/2014 so that in the column headed 'Date and Place of Birth and Identification Document' relating to 'Information on the husband' the words 'Zou Zou Beri' are deleted and substituted by the word 'Niamey'.

The Correction of the same Marriage Act bearing the number 2256/2014 so that in the column headed 'Name, Surname and Maiden surname of the Mother' the words 'Fati Fattay née 'Fattay' are deleted and substituted by the words 'Fatoumata Fataye Oumarou née Oumarou'.

The correction in the Act of Birth bearing the number 6321/2016 so that in the column headed 'Name or names by which the child is to be called and surname' as well as in the column headed 'Name and Surname' relating to the father's and mother's surnames, the words 'Soumana Diori' are deleted and substituted by the word 'Diori'.

The correction in the Act of Birth bearing the number 2987/2020 so that in the column headed 'Name or names by which the child is to be called and surname' as well as in the column headed 'Name and Surname' relating to the father's and mother's surnames, the words 'Soumana Diori' are deleted and substituted by the word 'Diori'. Also as with regards to the details of the maternal grandmother (parent 1 (b)) this should appear as 'Fatoumata Fataye Oumarou née Oumarou'.

Court of Revision of Notarial Acts, today Tuesday, 31st May, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

963

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-30 ta' Mejju, 2022, u dan wara Rikors b'numru 160/2022, Ordnat:

